# L-Ewwel Darba fuq ir-Radju għal

# Antonella Sant



Għalija din kienet esperjenza ġdida għax kienet l-ewwel darba li mort fuq ir-radju u mhux kulħadd ikollu din l-opportunità! Kont eċitata ħafna wkoll. Hija xi ħaġa pożittiva għax ix-xogħol tagħna mhux qiegħed jibqa' bejn l-erba' ħitan tal-klassi. L-għalliem tagħna qed jagħtina ħafna opportunitajiet biex ix-xogħol tagħna jinstema' fid-djar




tal-Maltin u b'hekk in-nies ikunu jistgħu jitgħallmu wkoll. B'hekk nies oħra jistgħu jifhmu kif kulħadd għandu xi ħaġa speċjali. Grazzi għall-ħidma tal-għalliem tagħna xogħolna jista' jiġi apprezzat minn numru akbar ta' nies: saħansitra mis-soċjetà Maltija (hawn ninkludi l-emigranti Maltin li jisimgħuna permezz tax-xandir bl-internet)!





RADJU MARIJA

